

**Kawża C-109/07**

**Jonathan Pilato**

**vs**

**Jean-Claude Bourgault**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Prud'homie de pêche de Martigues)

“Kunċett ta’ qorti jew tribunal nazzjonali — Nuqqas  
ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta’ Mejju 2008 . . . . . I - 3505

Sommarju tad-digriet

*Domandi preliminari — Rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja — Qorti jew tribunal nazzjonali fis-*  
*sens tal-Artikolu 234 KE — Kunċett*

*(Artikolu 234 KE)*

I - 3503

Sabiex tiddetermina jekk organu ta' rinviju għandux in-natura ta' qorti jew tribunal skont l-Artikolu 234 KE, kwistjoni li taqa' unika-ment taħt id-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tiegħu inkunsiderazzjoni sensjela ta' kriterji, bħal jekk l-organu huwiex stabbilit mil-liġi, jekk huwiex permanenti, jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hijiex ta' natura obbligatorja, jekk il-proċeduri quddiemu humiex *inter partes*, jekk l-organu japplikax regoli tad-dritt, kif ukoll jekk huwiex indipendenti.

Għal dak li jikkonċerna, b'mod iktar preċiż, l-indipendenza tal-organu ta' rinviju, din il-kundizzjoni tippreżupponi li l-imsemmi organu jkun protett minn interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jqegħdu fil-perikolu l-indipendenza tad-deċiżjoni tal-membri tiegħu fir-rigward tal-kawżi mressqa quddiemu. Tali garanziji ta' indipendenza u imparzjalità jeħtieġu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni tal-istanza, il-ħatra, it-terminu tal-funzjonijiet kif ukoll il-kawżi ta' astensjoni, rikuża u revoka tal-membri tagħha, li jippermettu li jitneħħa kull dubju raġonevoli, fil-moħħ tal-individwi, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fir-rigward ta' elementi esterni u tan-newtralità tagħha

fir-rigward tal-interessi li tkun affrontata bihom. F'dan ir-rigward, sabiex il-kundizzjoni dwar l-indipendenza tal-organu ta' rinviju titqies li hija sodisfatta, huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li l-każijiet ta' revoka tal-membri ta' dan l-organu jkunu ddeterminati minn dispożizzjonijiet espressi tal-liġi.

Il-Prud'homie de pêche de Martigues (Franza) ma jistax jitqies li jissodisfa l-kundizzjoni dwar l-indipendenza tal-organu ta' rinviju u, minħabba dan il-fatt, mhuwiex qorti jew tribunal skont l-Artikolu 234 KE. Fil-fatt, minn naħa, jirriżulta li l-membri sajjeda tat-Tribunal Industrijali huma suġġetti, tal-inqas għal uħud mill-attivitajiet tagħhom, għas-superviżjoni tal-amministrazzjoni. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li r-revoka tal-membri sajjeda tat-Tribunal Industrijali hija suġġetta għal garanziji partikolari li jippermettu li jitneħħa kull dubju raġonevoli dwar l-impermeabbiltà tal-imsemmija istanza fir-rigward ta' elementi esterni.

(ara l-punti 22-25, 28, 30, 31)